MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 151/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**SPETTUR ANTHONY CACHIA**
**VS**
**EMANUEL BARTOLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Emanuel Bartolo ta' 52 sena, bin Joseph Paul u Jane nee' Mifsud, mwieled Pieta' nhar is- 26 ta' Dicembru 1959, residenti 34, St. Rita, Triq Sciortino, Zebbug (Malta) u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 50160M ;

Talli bejn it- 18 ta' Dicembru 2010 u l- 14 ta' Jannar 2011 gewwa Haz- Zebbug (Malta), b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, w li jiksru l- istess

disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;
Nhar it- 18 ta' Dicembru 2010 ghall- habta tal- 11.20am gewwa De Rohan Pharmacy fi Triq Sant' Antin Zebbug;
1) ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, u bil- valur, li ma jeccedix l- €2,329.37, u li sar ghad- detriment ta' Mary Ann Delicata u/ jew ta' persuni u/jew entitajiet ohra;
2) bla ordni skont il- ligi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill- k azijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mary Ann Delicata u Carmela Borg kontra l- volonta' taghhom;
3) filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l- persuna ejw delitt ta' serq, kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan- nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Nhar il- 31 ta' Dicembru 2010, ghall- habta tal- 4.55pm gewwa Santa Marija Pharmacy, fi Triq l- Ghasfura, Zebbug;

4) ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- mezz li sar ghad- detriment ta' Mary-Anne Bonanno u/jew ta' persuni u/jew entitajiet ohra;
5) bla ordni skont il- ligi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mary Ann Bonanno u Elena Bonanno kontra l- volonta' taghhom;
6) filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta' serq, kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan- nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Nhar il- 5 ta' Jannar 2011 ghall- habta tal- 5.10pm gewwa l- hanut The Crops Seller Green Grocer fi Triq il- Kbira, Zebbug;

7) ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- mezz li sar ghad- detriment ta' Sabrina Scicluna u/jew ta' persuni u/jew entitajiet ohra;

8) bla ordni skont il- ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sabrina Scicluna kontra l- volonta’ taghha;
9) filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan- nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Nhar it- 8 ta’ Jannar 2011 ghall- habta tas- 6.45pm gewwa l- hanut Intimate Underwear Shope, fi Triq Monsignor S. Milanesi, Zebbug;

10) ikkommetta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- mezz u bil- valur li ma jeccedix l- €2329.37 li sar ghad- detriment ta’ Amanda Coleiro u/jew ta’ persuni u/jew entitajiet ohra;
11) bla ordni skont il- ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Amanda Coleiro kontra l- volonta’ taghha;
12) filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan- nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Nhar l- 14 ta’ Jannar 2011 ghall- habta tal- 5.30pm gewwa l- hanut Patrizio’s Hair Saloon, fi Triq il- Grazzja, Zebbug;

13) ikkommetta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- mezz u li sar ghad- detriment ta’ Patrizio Parascandolo u/jew ta’ persuni u/jew entitajiet ohra;
14) bla ordni skont il- ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Patrizio Parascandolo u Karen Delmar kontra l- volonta’ taghhom;
15) filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan- nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

16) talli fl- istess data w cirkostanzi minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha ta’ persuna ohra u cioe kkaguna feriti ta’ natura hafia fuq il- persuna ta’ Patrizio Parascandolo hekk kif iccerifika t- tabib tal- Health Centre tal- Floriana Dr. Robert Patiniott MD Reg. no. 1860;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, datata 12 ta’ Awwissu, 2011, fejn gew indikati l-artikoli tal-ligi li fuqhom kellu jigi gudikat l-imputat;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tal-10 ta’ Novembru, 2011, liema ammissjoni baqghet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni u tatu zmien xieraq jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu skond il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront tal-imputat;

Rat il-*Pre Sentencing Report* tal-Ufficjal tal-Probation Gordon Grech, li gie mahluf u ppresentat fl-atti fuq talba tad-difiza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar piena;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti, u ghalhekk tista’ tghaddi ghas-sentenza. Dwar il-fatti tal-kaz, in vista tal-ammissjoni, ma hemmx wisq konsiderazzjonijiet biex jigu ezaminati, hlief li l-Qorti ghandha zzomm ferm quddiem ghajnejha l-gravita’ tal-kaz. Hawn si tratta ta’ xejn anqas

minn hames kazi ta' "hold up" jew "armed robbery", ilkoll imwettqa fi zmien qasir u fl-istess lokalita', ir-rahal ta' Haz-Zebbug, Malta. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-arma uzata mill-imputat kienet biss arma tal-plastik, jigifieri imitazzjoni ta' arma, u allura l-gravita' tal-kaz trid tigi ridimensjonata u dawn il-fatturi ghandhom jinzammu fil-kosiderazzjonijiet dwar piena. Madankollu, il-persuni li gew rinfaccjati bl-imputat mghammad u armat b'pistola – anke jekk din kienet biss imitazzjoni – xorta wahda gew mahsuda b'dik id-dehra u bit-theddida potenzjali ghall-inkolumita' fizika taghhom. Di fatti, apparti r-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, l-imputat ghandu wkoll addebitat lilu s-sekwestru tal-persuna, ghal kull wahda mil-hames serqiet li hu wettaq, kif ukoll it-twettiq ta' delitt permezz ta' imitazzjoni ta' arma.

Id-difiza ghamlet talba lill-Qorti ghall-klemenza fil-piena. Saret riferenza ghall-Artikolu 40(b)(ii) tal-Kap 9, fejn il-piena ghandha titnaqqas b'terz fil-kaz ta' persuni torox-muti li jwettqu reat b'hazen. Id-difiza talbet lill-Qorti sabiex, f'dan il-kaz, tikkonsidra l-piena ta' sentenza sospiza u mhux habs effettiv. Il-fedina penali tal-imputat kienet wahda ghal kollox netta, u kien hemm kooperazzjoni shiha tal-imputat mil-bidu tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija. Xiehda ta' dan hija l-istqarrija tieghu rilaxxjata minnu ftit wara li gie arrestat. Ghalhekk, l-imputat kien jisthoqqlu li l-Qorti tkun klementi mieghu, u ma tinfliggix piena ta' prigunerija effettiva. Il-Prosekuzzjoni, min-naha taghha, argumentat favur piena karcerarja, in vista tal-gravita' tal-kaz u tad-dannu lejn is-socjeta'.

Il-Qorti ghalhekk sejra tikkonsidra l-parametri tal-piena applikabbli ghal dan il-kaz. Ir-reati addebitati lill-imputat huma reati serji ferm, u stante n-natura taghhom, il-Qorti tista' biss tikkunsidra l-konkors ta' reati u pieni ai termini tal-Artikolu 17(b) tal-Kap 9, u mhux taht l-Artikolu 17(h). Ir-reati li taghhom qed iwiegeb l-imputat huma kollha reati li, wehidhom, ghandha tinstab htija ghal kull wiehed. Li kieku kienu reati fejn il-Qorti setghet tassorbi l-piena, bhal ma jigri fil-konkors formali jew ideali ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap 9, il-Qorti tkun tista' tapplika piena wahda ghar-reati kollha, bhal per ezempju meta' jkollok reat

jakkompanja reat iehor izda li hu mezz ghall-fini, jew li hu kompriz u involut fir-reat l-iehor. F'dak il-kaz, il-Qorti kienet tkun tista' taghti piena ghall-aktar reat gravi, u tassorbi f'dik il-piena l-pieni ghar-reati l-ohra kollha.

Fil-kaz mertu ta' din il-kawza, il-Qorti hi prekluza bil-ligi milli taghmel hekk. Bil-konkors materjali jew reali, il-Qorti ghandha tiehu l-aktar reat gravi, li f'dan il-kaz huwa r-reat imwettaq minnu fl-14 ta' Jannar 2011, tikkonsidra l-piena applikabbli ghal dak ir-reat, u wara tapplika bejn terz u nofs tal-piena applikabbli ghar-reati l-ohra kollha. Il-"hold up" tal-14 ta' Jannar 2011 huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bhal ma huma l-"hold ups" l-ohra kollha, a differenza biss li din giet ikkwalifikata oltre b'offiza hafifa li, skond l-Artikoli 274(c) u 277(b), iggib maghha piena ta'  prigunerija bejn sentejn u hames snin wehidha, piena ta' bejn tlitt snin u sitt snin jekk tigi mizjuda bi grad wiehed, u piena ta' bejn erba' snin u disa' snin prigunerija jekk mizjuda b'zewg gradi. Ir-reat ta' sekwestru tal-persuna jgib mieghu piena ta' bejn sena w erba' snin, ai termini tal-Artikolu 275 tal-Kap 9. Dwar ir-reat ta' twettiq ta' delitt bil-pussess ta' imitazzjoni ta' arma, il-piena hija massimu ta' erba' snin prigunerija, minghajr minimu, skond l-Artikolu 55(e) tal-Kap 480.

Issa, ghalhekk, il-Qorti trid tikkonsidra l-piena ghar-reat l-aktar gravi, jigifieri s-serq flimkien ma' offiza hafifa, li jgib mieghu l-piena ta' minimu ta' sentejn prigunerija u li, ai termini tal-Artikolu 277(b), toghla ghal minimu ta' tlitt snin mizjuda bi grad wiehed. Ir-reati l-ohra kollha, jigifieri erba' reati ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, u hames reati ta' sekwestru tal-persuna, dawn igibu maghhom piena minima ta' sena prigunerija ghal kull serqa u kull sekwestru tal-persuna, jigifieri disa' snin prigunerija, u hawn ghadna fil-piena minima applikabbli ghar-reati in kwistjoni. Bil-konkors materjali jew reali, ai termini tal-Artikolu 17(b) tal-Kap 9, il-Qorti tista' tiehu bejn terz u nofs ta' din il-piena, li ghalhekk tigi ridotta ghal tlitt snin prigunerija jekk terz, jew erba' snin u sitt xhur prigunerija jekk nofs, u din imbaghad tizdied mal-piena moghtija ghas-serq flimkien ma' offiza hafifa gia' kkunsidrata hawn fuq. Ghalhekk, il-minimum tal-piena bil-

ligi s’issa gia’ telghet ghal sitt snin prigunerija. Dwar it-twettiq ta’ delitt b’imitazzjoni ta’ arma, taht il-Kap 480, peress illi ma hemmx piena minima fl-Artikolu 55(e) il-Qorti sejra zzomm il-piena msemmija ta’ sitt snin prigunerija.

Id-difiza izda ssottomettiet, u bir-ragun, li kull piena ghandha titnaqqas b’terz, peress illi l-imputat huwa trux-mutu, u ghalhekk il-piena ta’ sitt snin prigunerija tonqos ghal erba’ snin. Meta wiehed iqis li l-imputat seta’ facilment wehel il-massimu fil-ligi ta’ disa’ snin prigunerija ghar-reat ta’ serq flimkien ma’ offiza hafifa, u disa’ snin ohra ghar-reati l-ohra kollha, li flimkien kienu jaghmlu tmintax-il sena prigunerija, allura l-piena ta’ erba’ snin prigunerija effettiva tidhol aktar fil-perspettiva taghha. Il-Qorti trid izzomm bilanc fil-piena bejn il-gravita’ tar-reat, il-hsara li saret lis-socjeta’, u min-naha l-ohra l-elementi kollha li jimmitigaw dik il-piena, jigifieri l-fedina penali netta tal-imputat, id-dizabilita’ fizika tieghu, u l-ghinuna li hu ta lill-Pulizija mill-ewwel. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ghall-ahhar ta’ dan il-kaz, il-Qorti ma tarax kif tista’ tinzel ghal piena anqas minn dik ikkonsidrata hawn fuq. Zgur li piena ta’ erba’ snin prigunerija hija “the barest minimum” li l-Qorti setghet legalment taghti lill-imputat fic-cirkostanzi, u din ma tistax taqa’ fil-parametri ta’ sentenza sospiza. Ghalhekk il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza hekk kif indikat hawn taht, a bazi tal-konsiderazzjonijiet maghmula.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261(a),(b)u (c), 262 (1)(a) u (b), 263(b), 267, 275, 277(b), 86, 87(1)(e), , 270, 274(c), 214, 215 u 221 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U l- Artikolu 55(a) tal- Kap 480 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u tikkundannah terminu ta’ prigunerija ta’ erba’ (4) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------